MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Numru 51/2007

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)

vs

Ayrton Cardona

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Ayrton Cardona detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 273390M, akkuzat talli:

Matul il-lejl tat-8 u d-9 ta’ Settembru, 2006 f’ghalqa li tinsab fl-inhawi ta’ Vjal Blue Grotto, Zurrieq, volontarjament ta in-nar lil madwar 800 qatta tiben, waqt li ma kien hemm ebda persuna, b’mod li ma setghax iqabbad hruq f’bini, gharix, jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna, bi ksur tal-artikolu 318 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Matul il-lejl tat-8 u 9 ta’ Settembru, 2006 f’ghalqa li tinsab fi Vjal Blue Grotto, Zurrieq volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Fortunato Farrugia, mobbli jew immobbli liema hsara kienet izjed minn hames mitt liri Maltin bi ksur tal-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fi Qrendi Road, Zurrieq, matul il-lejl tat-12 u 13 ta’ Lulju, 2006 u matul il-lejl tal-15 u s-16 ta’ Awissu, 2006 b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoniji tal-ligi, u kienu maghmula b’rizuluzzjoni wahda, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara kienet izjed minn hamsin liri Maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt liri Maltin bi ksur tal-Artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;

F’Settembru, 2006 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data fiz-Zurrieq, gieghel il-kelba tal-familja tieghu Sindy issofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn billi sparalha tir ta’ air-gun u anke ta daqqiet b’lasta bi ksur tal-artikolu 8(2) tal-Att dwar it-trattament xieraq ta’ l-Annimali tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Matul Settembru 2006 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, fiz-Zurrieq spara arma tan-nar fl-abitat minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat bi ksur ta’ l-Artikolu 318, 325(1)(a) u 18 tal-Kap 9 u l-Artikolu 8(2) tal-Kap 439.

Issa l-imputat irregistra ammissjoni f’din l-ewwel dehra u insista fuqa anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra tali ammissjoni.

Rat f’dan ir-rigward l-Artikolu 392A tal-Kap 9.

Illi kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti qeghdha ghaldaqstant tghaddi ghas-sentenza fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat.

Rat l-Artikolu 318, 325(1)(a)(b), 18, 17(b), 31 tal-Kap 9 u l-artikolu 8(2) u 45 tal-Kap 439. Filwaqt li tiddikjara l-imputat hati tar-reati lilu addebitati b'ammissjoni tieghu stess, tikkundannah sena u nofs prigunerija li izda bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendi ghal erba' snin mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor fi zmien operattiv tas-sentenza sospiza.

Rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kap 9 u tobbliga l-imputat li jhallas lill-parti leza in linja ta' kumpens ghat-telf li din garbet is-somma ta' Lm1600 li ghandhom jithallsu sa zmien mhux oltre sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

Tordna li kopja taghha tintbaghat lill-Avukat Generali kif provdut fl-imsemmi artikolu 392A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------